# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju, 2021.**

**Numru 13**

**Rikors numru 146/13/2 AF**

**Tar-Robba Recycling Centre Limited (C47379)**

**v.**

**WasteServ Malta Limited (C30560)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li s-soċjeta` attriċi ppreżentat fl-14 ta' Frar, 2013, u li taqra hekk:

> "Illi s-soċjeta` esponenti topera impjant għall-irkupru u trattament ta' vetturi fi tmiem żmienhom.
>
> "Illi fid-29 ta' Marzu 2011 il-kontendenti ffirmaw kuntratt (Dok. A) li permezz tiegħu s-soċjeta` intimata obbligat ruħha li tgħaddi lis-soċjeta` esponenti bejn mitejn u sebgħin (270) u tlett mitt (300) *bus* li ma kienux

aktar meħtieġa għall-iskop ta' transport pubbliku, u dana sabiex dawna jiġu stivati u trattati mis-soċjeta` esponenti skont il-liġi.

"Illi s-soċjeta` esponenti daħlet fi spiża kunsiderevoli sabiex tattrezza ruħha f'mod adegwat in vista tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali li kienet daħlet għalihom meta firmat il-kuntratt suriferit tad-29 ta' Marzu 2011, u dana apparti li kienet ser tagħmel qliegħ mill-attwazzjoni tal-kuntratt.

"Illi s-soċjeta` intimata naqset milli tikkonsenja lis-soċjeta` esponenti *buses* fl-ammont speċifikat fil-kuntratt, bil-konsegwenza li s-soċjeta` esponenti sofriet danni inġenti.

"Illi kien ta xejn li s-soċjeta` intimata ġiet interpellata sabiex tersaq għall-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni inkorsi mis-soċjeta` esponenti bħala konsegwenza tal-inadempjenza tagħha.

"TGĦID GĦALHEKK is-soċjeta` intimata għaliex ma għandiex dina l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess:

"1) Tiddeċiedi u tiddikjara li s-soċjeta` intimata naqset milli tosserva l-obbligazzjonijiet assunti minnha bis-saħħa tal-kuntratt fuq imsemmi ffirmat mas-soċjeta` esponenti fid-29 ta' Marzu 2011 u li bħala konsegwenza ta' tali inadempjenza hija ikkawżat danni lis-soċjeta` esponenti;

"2) Tikkundanna lill-istess soċjeta` intimata tħallas lis-soċjeta` esponenti dawka d-danni li għandhom jiġu likwidati minn dina l-istess Qorti.

"Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatroju numerat preżentat kontestwalment, kontra s-soċjeta` intimata bid-diretturi tagħha minn issa nġunti għas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata li ressqet is-soċjeta` konvenuta li in forza tagħha eċċepiet:

"1. Illi fl-2011 is-soċjeta` esponenti inkarigat lill-attriċi wara sejħa pubblika għall-offerti sabiex tagħmel xogħol fuq *end of life vehicles* ossia xarabankijiet antiki u dan in vista tal-fatt li l-flotta tat-trasport pubbliku kienet se tiġi mibdula;

"2. Illi f'din ir-rigward sar ftehim li jinsab in atti preżentat mar-rikors ġuramentat;

"3. Illi skont dan il-ftehim is-soċjeta` esponenti kellha tgħaddi bejn mitejn u sebgħin (270) u tliet mitt (300) xarabank qadim;

"4. Illi minħabba deċiżjonijiet li ttieħdu minn terzi u li dwarhom is-soċjeta` esponenti ma kellha ebda kontroll, in-numru ta' xarabankijiet li ġew imneħħija u trattati bħala *end of life vehicles*, sal-lum ma laħqux in-numru maħsub fil-kuntratt;

"5. Illi madankollu, is-soċjeta` attriċi ma soffriet l-ebda danni stante li sal-lum ma wettqet l-ebda xogħol taħt il-kuntratt *de quo* li għaliħ ma tħallsitx;

"6. Illi fi kwanlukwe każ, is-soċjeta` esponenti għadha tista' tgħaddi aktar xarabankijiet lill-attriċi skont l-istess kuntratt stante li sal-lum għadu fis-seħħ;

"7. Illi dan kollu hu magħruf mill-esponenti personalment.

"*Eċċezzjonijiet*

"Illi dikjarat dan, is-soċjeta` esponenti qed teċċepixxi dan li ġej:

1. "Illi l-azzjoni attriċi hi intempestiva stante li l-ftehim li fuqu hi msejjsa l-azzjoni attriċi għadu fis-seħħ;

2. "Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premezz, illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

3. "Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, fi kwalunkwe każ is-soċjeta` attriċi ma sofriet l-ebda danni u kwindi mhemmx danni x'jiġu likwidati;

4. "Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

3. Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Marzu, 2016, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża:

"billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta, tilqa' it-talbiet tas-soċjetà attriċi u tiddikjara l-konvenuta responsabbli għall-inadempiment kuntrattwali hekk kif pattwit bejn il-partijiet, li tirrendiha responsabbli għad-danni, għar-raġunjiet imsemmija aktar 'l fuq f'din is-sentenza.

"Tillikwida d-danni fl-ammont ta' mitejn tlieta u disgħin elf, ħames mija u tmienja u tletin Euro (€293,538), u tikkundanna lill-intimata WasteServ Malta Limited tħallas lill-attriċi Ta' Robba Recycling Centre Limited, is-somma ta' mitejn tlieta u disgħin elf, ħames mija u tmienja u tletin Euro (€293,538), bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

"L-ispejjeż kollha ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mis-soċjetà intimata."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat li permezz ta' din il-kawża s-soċjetà attriċi topera impjant għall-irkupru u trattament ta' vetturi fi tmiem żmienhom fejn hija tisħaq li permezz ta' kuntratt iffirmat bejn il-partijiet, is-soċjetà intimata kellha tgħaddilha bejn 270 u 300 xarabank li ma kenux aktar meħtiega għat-trasport pubbliku u dan sabiex jiġu stivati u ttrattati skond il-liġi. Konsegwenza tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali li daħlet għalihom, is-soċjetà rikorrenti daħlet fi spiża konsiderevoli sabiex tattrezza ruħha b'mod adegwat, u dan apparti li kienet ser tagħmel qligħ mill-attwazzjoni tal-kuntratt. L-azzjoni attriċi hija mfassla fuq inadempjenza kuntrattwali peress li s-soċjetà intimata naqset milli tikkonsenja l-ammont ta' xarabankijiet hekk kif speċifikat, bil-konsegwenza li l-attriċi qegħda ssostni li soffriet id-danni. Għalhekk is-soċjetà attriċi qegħda titlob lil Qorti sabiex (1) jiġi dikjarat li s-soċjetà intimata naqset milli tosserva l-obbligazzjonijiet assunti minnha fl-imsemmi kuntratt u li b'konsegwenza ta' tali inadempjenza hija kkawżat danni lis-soċjetà attriċi; u (2) tikkundanna lill-istess soċjetà intimata tħallas lill-attriċi dawk id-danni li għandhom jiġu likwidati mill-Qorti, bl-ispejjeż kontra tagħha.

"Da parti tas-soċjetà konvenuta qegħda teċċepixxi illi (i) l-azzjoni attriċi hija intempestiva peress li l-ftehim għadu fis-seħħ; (ii) t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (iii) illi s-soċjetà attriċi ma soffriet ebda danni u kwindi m'hemmx danni x'jiġu likwidati.

"Id-Direttur tas-soċjetà attriċi jisħaq li l-kumpanija tiegħu hija l-uniku kumpanija f'Malta li għandha Impjant ta' Trattament ta' Vetturi fi Tmiem Żmienhom (ELV Plant) approvat. L-investiment li kellha tagħmel sabiex jinkiseb l-imsemmi permess kien wieħed sostanzjali peress li r-regolamenti fil-qasam sabiex jiġi salvagwardjat l-ambjent huma tassew esigenti. L-ispiża kienet waħda konsiderevoli wkoll peress li xarabank huwa vettura akbar minn waħda ta' qies normali u għalhekk kien meħtieġ makkinarju speċjali, sabiex jiġu trattati dawn il-vetturi, kellha tiġi ppreparata l-art fejn kienu ser jitpoġġew ix-xarabankijiet, billi ngħatat sodda tal-konkos, li tgħattiet b'membrane u wara ngħatat sodda oħra tal-konkos, sabiex ma jkunx hemm riskju ta' kontaminazzjoni ta' l-ilma tal-pjan. Kellha tiġi nstallata wkoll tinda tal-metall sabiex il-vetturi jkunu jistgħu jiġu trattati taħtha, hekk kif meħtieġ fil-permess maħruġ mill-MEPA.

"Ikun indubjament opportun illi l-ewwel isir eżami bir-reqqa tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt tad-29 ta' Marzu, 2011, bejn il-partijiet li fost affarijiet oħra jipprovdi:

"1. The Collector is required to store and treat buses (vehicles), which are now considered as no longer required for public transportation, the quantity of which may vary between two hundred and seventy to three hundred, on an **as and when required basis.**

"2. The Collector is required to accept the buses (vehicles) for storage and treatment between the 4th and 18th of July, both days included. The buses (vehicles) will be delivered to the facility directly by their owners.

"3. The Collector is required store and treat the buses (vehicles) at no cost to the Company.

"4. The Collector is required to satisfy the requirements of the awarded contract Tender for the collection, storage and treatment of ELV (Advert No. 172/2010). (Kopja tiegħu ma jirriżultax li ġie esebit fl-atti minn ebda waħda mill-kontendenti fil-kawża).

"5. The Collector shall comply with the ELV facility permit WM 00015/06 or any subsequent sanction issued by MEPA during the implementation of this agreement. The Collector is required to store and treat buses (vehicles) in compliance with any prevailing obligatory environmental legislation.

"6. The duration of this agreement shall be from today until the number of buses mentioned in the preceding article are treated, which eventuality occurs the last."

"Huwa ritenut li a bażi tal-prinċipju *pacta sunt servanda* illi l-partijiet kienu marbuta bil-ftehim skritt tagħhom li rregola ir-relazzjoni kontrattwali bejniethom u hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom plc**, deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru 2004 fejn ingħad li:

*"Dan hu konformi mal-prinċipju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom hu preżunt li qabel ma jiffirmaw dak il-ftehim qiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ u ta' l-interesssi tagħhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi prinċipju ieħor anchorche bażat fuq ekwita. Il-prinċipju tar-rispett għal volonta tal-partijiet huwa wieħed fondamentali u dak li ftiehmu fuqu il-partijiet għandu 'forza ta' liġi' għalihom... u l-Qorti m'għandhiex tuża d-diskrezzjoni tagħha biex tissostitwixxi għal dak li ftiehmu bil-volonta tagħha".*

"In kwantu għal dak miftiehem, sabiex imbagħad wieħed jasal biex jiddetermina jekk kienx hemm nuqqas jew ksur, fis-sentenza fl-ismijiet **General Cleaners Limited vs Accountant General et** deċiża minn din il-Qorti, diversament preseduta, fid-29 ta' Novembru 2001, intqal bħala prinċipju ġenerali, l-liġi u senjatament l-artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi:

"*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skond l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni*". "*Il-*

> *prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda.*"

"Prinċipju ieħor fundamentali huwa dak enunċjat fl-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili, li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti in *buona fede* u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom iżda wkoll għall-konsegwenzi li ġġib magħha l-obbligazzjoni, skond ix-xorta tagħha bl-ekwità, l-użu u bil-liġi **(Cefalu et vs Gauci nomine** Vol. Lxxx.IV.1359).

"F'din il-kawża jinsab inkontestat bejn il-partijiet li s-soċjetà konvenuta kellha tgħaddi lill-attriċi l-ammont ta' bejn 270 u 300 xarabank, u huwa paċifiku wkoll li s-soċjetà attriċi rċeviet 183 xarabank biss. Is-soċjetà konvenuta iżda tisħaq li minħabba deċiżjonijiet li ttieħdu minn terzi (bħal sidien li żammew ix-xarabank u oħrajn li nżammu minn Heritage Malta) u li dwarhom hija ma kellha ebda kontroll, dan in-numru sal-lum għadu ma ntlaħaqx. Madankollu, s-soċjetà konvenuta tkompli billi tgħid illi, x-xogħol li l-attriċi wettqet taħt il-kuntratt, hija tħallset għaliħ u fi kwalunkwe każ, hija tista' tgħaddi aktar vetturi skond l-istess kuntratt li għadu fis-seħħ.

"Kif intqal qabel, l-azzjoni attriċi hija mfassla fuq inadempiment kuntrattwali da parti tas-soċjetà intimata, ta' obbligi minnha assunti fil-konfront tar-rikorrenti, bis-saħħa tal-imsemmi ftehim u konsegwenti responsabbilita għad-danni. Hawnhekk issir referenza għal dawk il-provveddimenti tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw il-materja in eżami, senjatament l-artikoli 1125, 1133 u 1135:

> "**1125.** *Kull min jonqos milli jeżegwixxi obbligazjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni.*
>
> "**1133.** *Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jiġi kkundannat għad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minħabba li jkun naqas għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni…kemm il-darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas tal-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minħabba xi ħaġa barranija li tagħha huwa ma kienx ħtija.*
>
> "**1135.** *Bla ħsara tal-eċċezzjonijiet u tat-tibdil kif miġjubin hawn aktar 'il quddiem, id-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata u l-qligħ li jkun ġie imtellef."*

"Fil-każ in eżami, għalkemm is-soċjetà konvenuta tagħraf illi hemm ir-rabta kuntrattwali mas-soċjetà attriċi li kienet teħtieġ prestazzjoni speċifika fil-konsenja ta' numru tà xarabankijiet, madankollu qeghda tinvoka favuriha li n-nuqqas tal-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minħabba deċiżjonijiet li tagħhom hija ma kellhix ħtija. Il-Qorti trid tara jekk il-konvenuta tassew kenitx tinsab f'posizzjoni li kienet tagħmilha impossibbli għaliha illi tagħmel dak li ntrabtet li tagħmel. Ladarba l-obbligazzjoni hija waħda kuntrattwali, is-soċjetà attriċi għandha ġġib prova tar-rabta kuntrattwali u tal-inadempiment, lanqas ma hija

obbligata li ġġib prova ta' *culpa,* l-oneru imbagħad jaqa' fuq is-soċjetà konvenuta li tagħmel il-prova tal-impossibilità kif jgħid l-artikolu 1134 tal-Kodiċi Ċivili.

"Ma tressqet ebda prova ta' kif il-partijiet waslu għan-numri ta' karozzi msemmija fil-kuntratt in eżami, tà bejn 270 u 300 xarabank, għajr li ngħad minn impjegata tas-soċjetà konvenuta li dawn in-numri ngħataw mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta u li kien hemm xi sidien li ddeċidew iżommu x-xarabank tagħhom. Il-konvenuta ma ġabet ebda prova ta' tentattivi li saru sabiex tonora l-figuri stabbiliti fil-kuntratt iffirmat minnha. Ma ġabet ebda prova ta' ostakolu "insormontabbli" u allura, fil-fehma tal-Qorti ma eżonoratx ruħha mir-responsabbiltà.

"F'dan il-kuntest issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Ġunju, 2015, fl-ismijiet: **Id-Dipartiment tal-Kuntratti et vs. Anthony Borg,** fejn ingħad is-segwenti:

> "*Fil-kawża Id-Direttur tal-Kuntratti v. Office Electronics Ltd. deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 tà Ottubru, 2004, intqal li żieda fil-prezzijiet mill-fornituri esteri ma hijiex skuża għall-inadempiment tal-obbligazzjoni, avolja dan ifisser li l-ispejjeż għall-esekuzzjoni tal-kuntratt kibru (ara wkoll* ***Grech v. Muscat****, deċiża mill-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ottubru, 2005).*
>
> *"Aktar ċara hija l-posizzjoni li ħadet il-Qorti tà Kassazzjoni fl-Italia f'kuntest simili, fejn ġie enfasizzat il-ħtieġa ta' impossibilità assoluta u oġġettiva biex id-debitur ta' obbligazzjoni jeżonora ruħu. Hekk, f'kawża deċiża fit-8 ta' Ottubru, 1973, intqal illi "l'impossibbilità totale che estingue l'obbligazione deve essere obiettiva ed assoluta e non si può far consistere in una sempliċi difficoltà. F'deċiżjoni oħra li tat l-istess Qorti fis-16 tà Marzu, 1987, intqal hekk:*
>
>> *"L'impossibilità che estingue l'obbligazione è da intendersi in senso assoluto ed obiettivo e consiste nella soppravvenienza di una causa, non inputabile al debitore, che inpedisce definitivamente l'adempuniento; il che – alla stregua del principio secondo cui 'genus nunquam perit' – puo` evidentemente verificarsi solo quando la prestazione abbia per oggetto la consegna di una cosa determinata o di un genera limitato, e non già quando si tratta di una somma di denaro."*
>
> *"Il-Qorti tal-Appell ta' Milan f'sentenza li tat fis-7 tà Novembru, 1947, kienet enfasizzat illi: "Le semplici difficoltà, il maggior disagio o il maggior dispendio nell'adempiminto dell'obbligazione non integrano gli estremi dell'impossibilità assoluta ed obiettiva insita nel concetto di forza maggiore."*
>
> *"Tant hu hekk li f'deċiżjoni tal-istess Qorti ta' Milan tal-5 tà Diċembru, 1974, kuntrattur ta' fornitura ta' żejt ma ġiex meħlus mill-obbligazzjoni konsegwenza tal-problemi fis-suq riżultat tan-nazzjonaliżżmu taż-żejt fil-Libja u l-gwerra tal-Kippur. Intqal infatti:*
>
>> *"La estrema difficoltà di rifornimento del greggio, dovuta alla nazionalizzazione del petrolio da parte della Libia e agli eventi conseguenti alla guerra del Kippur, non rende impossibile la prestazione*

> *di un'impresa di raffinanzione che si era impegnata a consegnare una certa quantità di petrolio reprendola dal mercato e che aveva contrattualmente predisposto un mecanismo adeguamento (sippure parziale) del prezzo*."

"Punt ieħor ta' kontenzjoni bejn il-partijiet jidher huwa illi filwaqt li l-attriċi tgħid li x-xarabankijiet kollha kellhom jiġu kkonsenjati fuq perjodu tà ġimgħatejn, sat-18 ta' Lulju, 2011, is-soċjetà konvenuta kkonsenjat 183 xarabank fuq medda tà sentejn u li dan in-nuqqas wassal għal telf lill-attriċi. Minn naħa tagħha l-konvenuta tgħid li l-kuntratt għadu fis-seħħ u meta jkollha aktar vetturi, hija lesta li tgħaddihom lill-attriċi. Fil-fehma tal-Qorti, d-diżgwid jinqalà peress li l-klawżoli 1, 2 u 6 tal-ftehim huma konfliġġenti bejniethom, fis-sens li min-naħa jingħad li l-vetturi li jridu jiġu maħżuna u trattati **kif u meta meħtieġ,** iżda jirriżulta wkoll li l-kuntrattur kellu l-obbligu kuntrattwali li jaħżen u jitratta l-imsemmija vetturi fuq medda ta' ġimgħatejn **sat-18 tà Lulju 2011**. Filwaqt li l-aħħar klawżola tistipula li **l-ftehim jibqa' fis-seħħ sakemm jiġu trattati l-aħħar vetturi maħsuba fil-kuntratt.**

"Ma jirriżultax illi kuntrattur qiegħed jitlob rexxissjoni tal-kuntratt iżda danni minħabba inadempiment kuntrattwali da parti tal-konvenuta. Huwa ritenut illi jekk kemm-il darba l-kuntratt kien jistabilixxi li s-soċjetà konvenuta kellha tikkonsenja ammont minimu tà vetturi (270) u l-kuntrattur kellu jipprepara l-impjant meħtieġ sabiex jilqa' u jitratta l-imsemmija kwantitatjiet ta' vetturi fi żmien speċifiku, s-soċjetà attriċi da parti tagħha daħlet fl-impenn li ħadet billi ppreparat ruħha sabiex tilqa' għandha dawk il-kwantitajiet ta' vetturi billi għamlet l-investiment meħtieġ u għalhekk isegwi li kellha aspettativa legittima li sejra tittratta dawk il-kwantitajiet ta' vetturi fiż-żmien speċifikat f'Lulju 2011, u mhux li tibqa' tistenna l-vetturi fuq medda ta' snin. Ladarba t-terminu kien speċifikat bħala Lulju 2011, skond il-ftehim, isegwi għalhekk li ma kinitx fis-setgħa tal-attriċi li waħedha ttawwal it-terminu billi iddum ma tlesti x-xogħlijiet, daqskemm ma kinitx fis-setgħa tal-konvenuta waħedha li ttawwal it-terminu billi tibqa' tikkonsenja x-xarabankijiet fuq medda ta' snin. Għalkemm setgħu jirriżultaw xi ntoppi li rriżultaw fid-dewmien fil-konsenja, ma tistax is-soċjetà konvenuta tippretendi li tingħata interpretazzjoni tal-ftehim li biha l-attriċi tibqa' tistenna l-konsenja tal-vetturi pattwit fil-ftehim bejn il-partijiet *ad finitum* kif qisha qegħda tagħti x'tifhem il-konvenuta. Minn eżami tal-assjem tal-kundizzjonijiet ma jidhirx li dan kien l-intendiment bejn il-partijiet.

"Minn naħa l-oħra, fil-fehma tal-Qorti, l-ħsara li l-attriċi ġarrbet kien jikkonsisti fin-nuqqas ta' kwantitajiet ta' vetturi kkonsenjati lilha hekk kif stipulat fil-kuntratt, aktar mill-fatt li rċeviet 183 xarabank fuq medda ta' sentejn, peress li tajjeb jew ħażin dawk il-183 xarabank ingħatawlha u hija setgħet tiddisponi minnhom u ddaħħal il-gwadann relattiv fuqhom.

"Għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma illi hija fondata t-talba attriċi għal dikjarazzjoni tà responsabilità tas-soċjetà konvenuta għal inadempjenza kuntrattwali.

"Gialadarba huwa ritenut li s-soċjetà konvenuta naqset fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet minnha assunti, mill-konsegwenza diretta tal-inadempjenza tal-obbligu kontrattwali assunt jiskaturixxu d-danni, kif josserva l-**Giorgi (Obbligazioni, Vol IV p.151)**,:

> "*quando si parla di colpa per ommissione si deve intendere la trasgressione di un dovere, per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l'aforisma "qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non fecit."*

"Issir referenza għal sentenza oħra ta' din il-Qorti, diversament preseduta, datata 14 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet ***Gennaro Rosario De Luca et. vs. Perit Arkitett David Psaila et.*** fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Fi kliem ieħor, l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq in-nuqqas ta' twettiq tal-ftehim...L-effett tan-nuqqas ta' twettiq t'obbligazzjoni jnissel il-jedd tal-kreditur ta' dik l-obbligazzjoni li jitlob id-danni mingħand il-parti l-oħra li tkun naqset milli twettaq dik ir-rabta tagħha..." (*artikoli 1125 u 1133 tal-Kap. 16)"

"Ladarba s-soċjetà attriċi tressaq il-prova li l-ħsara hija l-effett dirett tal-inadempiment kuntrattwali tal-konvenuta, it-talbiet attriċi għandhom jitqiesu mistħoqqa u konsegwentement jintlaqgħu safejn il-ħsara hija marbuta direttament man-nuqqas tas-soċjetà konvenuta. Għalhekk isegwi li, konsiderazzjoni oħra li trid issir hija jekk in-nuqqas kuntrattwali da parti tas-soċjetà konvenuta ġabx ħsara lill-attriċi fl-ammont mitlub minnha. It-telf fi qligħ li ġarrbet l-attriċi konsegwenza tan-nuqqas fil-konsenja tal-ammont ta' vetturi maħsuba fil-kuntratt huwa msejjes fuq (a) rapport ta' Inginier ppreżentat mill-attriċi li jikkonsisti fi stima tal-qligħ prospettiv li jsir minn fuq kull xarabank li huwa ndikat fl-ammont tà €5370, li madankollu ma jagħmel ebda konsiderazzjoni dwar l-ispejjeż involuti għall-kuntrattur sabiex jakkwista u iżarma xarabank; u (b) żewġ rapporti ta' l-Awditur tas-soċjeta attriċi li fihom joħroġ kemm l-investiment kapitali li ġie investit fuq l-impjant u jinkludi l-ordnijiet, il-fatturi għall-ingenji u xogħolijiet, imgħax fuq medda ta' sentejn u qligħ mhux irkuprat, kif ukoll it-telf ta' qligħ potenzjali li sofra l-kuntrattur fuq l-ammont ta' 117 xarabank (differenza bejn l-ogħla ammont maħsub fil-kuntratt ta' 300 vettura u dak attwalment riċevut minnu ta' 183 vettura)li jwassal għat-telf totali ta' €613,080, hekk kif jirriżulta minn Dok. VCA1 u VCA2 a fol. 40 u 41 tal-proċess; kif ukoll fuq l-ammont ta' 87 xarabank (differenza bejn l-iżgħar ammont maħsub fil-kuntratt ta' 270 vettura u dak attwalment riċevut minnu ta' 183 vettura) li jwassal għal telf totali ta' €455,880, hekk kif jirriżulta minn Dok. VCB1 u VCB2 a fol. 42 u 43 tal-proċess.

"In kontro-eżami l-awditur jikkonċedi li l-ispiża kapitali magħmula mis-soċjetà attriċi ta' €503,863, kella ssir indipendentement min-numru ta' vetturi li kellhom jiġu scrappjati minnha. Mix-xhieda tiegħu jirriżulta wkoll li għalkemm l-kuntrattur kellu jinvesti f'makkinarju adegwat li seta' jintuża għall-iscrappjar tal-vetturi kbar bħalma huwa xarabank, hekk kif maħsub fil-kuntratt in eżami, l-istess impjant jista' jibqa' jintuża ghall-

vetturi kbar oħra. Huwa jistqarr ukoll illi jekk wieħed jieħu l-ammont stmat mill-inġinier ta' qligħ fuq kull vettura ta' €5370 għan-numru ta' vetturi li ġew konsenjati mill-konvenuta (183 xarabank), għalkemm potenzjalment jidher li l-kuntrattur qala' qrib il-miljun euro, dan madankollu ma jfissirx li l-kuntrattur ikun attwalment għamel dak il-qligħ peress li jiddependi xi prezz ikun ġab fis-suq, jekk effettivament inbiegħu.

"Din il-Qorti tqis li ċertament ir-raġuni li s-soċjetà attriċi għamlet l-investiment f'dan l-impjant kien prinċipalment dovut għall-kuntratt li ngħatat mis-soċjetà konvenuta, li kif ntqal mill-istess awditur sar indipendentement min-numru ta' vetturi li kellha tistiva u titratta l-attriċi, u għalhekk fl-opinjoni tal-Qorti dan l-element t'investiment m'għandux jittieħed bħala fattur fil-kumpens ta' danni dovuti lill-attriċi konsegwenza tal-inadempiment kuntrattwali. Wara kollox kif jistqarr l-istess Direttur tas-soċjetà attriċi, hija għandha l-uniku impjant f'Malta liċenzjat li jittratta ELV, u għalhekk indubbjament l-investiment li għamlet l-attriċi, għandu jirrendilha qligħ ukoll minn oqsma oħra bħal vetturi kbar mill-qasam ta' kostruzzjoni u xarabankijiet u vetturi kbar oħra li jkunu ġejjin mill-qasam privat.

"Kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha deċiża fit-30 ta' Marzu, 2001, fl-ismijiet **Josef Galea vs Combinati Transport Services Limited noe.** fejn intqal:

> "*Prinċipju indubjament korrett li kellu …jiġi provat in-ness ta' kawża u effett bejn id-danni reklamati u l-aġir ta' min ikkaġuna d-danni. Danni derivanti minn inadempjenza kuntrattwali għandhom ikunu ristretti u relatati ma' dik l-inadempjenza u għandhom ikunu konsegwenzjali għaliha."*

"(Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-11 ta' Marzu, 2014, fl-ismijiet **Joseph Falzon et vs John Vella.** )

"B'mod ġenerali, d-danni ex contractu jikkonfiguraw ruħhom fit-telf li l-kreditur ikun bata u l-qligħ li jkun ġie mtellef (Artikolu 1135 Kap. 16). Id-debitur hu obbligat biss għal dawk id-danni li basar jew li wieħed seta' jobsor fiż-żmien tal-obbligazzjoni-Artikolu 1136 tal-Kodiċi Ċivili. (Ara **Herrera vs. Debattista** – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili - 21 ta' April 2004).

"Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2004, fil-kawża **Margaret Camilleri et vs. The Cargo Handling Co. Ltd**.:

> "*fis-sistema legali tagħna hu rikonoxxut lill-ġudikant il-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa tà dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, è rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono'*

> *secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risacrimento del quale taluno fu condannato*."
>
> "Is-soċjetà attriċi ma ġabetx prova ta' l-ammont li rkuprat mill-iskrappjar tal-183 xarabank li effettivament ġew konsenjati lilha, li jagħmel l-eżerċizzju ta' likwidazzjoni ta' danni reali, għall-Qorti aktar diffiċli. Madankollu jekk wieħed jieħu l-qligħ potenzjali li stabilixxa l-inġinier fl-ammont ta' €5370, u wieħed jieħu konsiderazzjoni dwar l-ispejjeż involuti għall-kuntrattur sabiex jakkwista u jżarma kull xarabank bħal pagi u spejjeż oħra, huwa meqjus li l-figura mogħtija mill-Awditur *ex parte* bħala telf ta' profit fuq kull xarabank fl-ammont ta' €3374 aktar reali. Jekk wieħed jieħu dan l-ammont u jimmultiplikaħ b'87 (differenza bejn l-inqas ammont ta' vetturi maħsub fil-kuntratt ta' 270 u dawk effettivament kkonsenjati 183) iwassal għal telf lill-attriċi fl-ammont ta' €293,538, ammont li hija kellha *legitimate expectation* għaliħ, in vista ta' dak li kien hemm stipulat fil-kuntratt.
>
> "Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tillikwida d-danni dovuti lis-soċjetà attriċi a bażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet."

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti:

> "jogħġobha tilqa' dan l-umli appell u tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet "Tar-Robba Recycling Centre Limited *vs* Wasteserv Malta Limited" deċiża fl-14 ta' Marzu 2016 u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."

6. Rat ir-risposta u l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi li in forza tieghu, għar-raġunijiet minnha premessi, tablet sabiex din il-Qorti:

> "filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata għal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' responsabilta` u kundanna għall-ħlas tad-danni akkordati, spejjeż u imgħax, tirriforma dika l-parti li fiha ikkomputat l-ammont ta' danni li għandhom jiġu mħallsa sabiex in aġġunta mas-somma ta' €293,538 (li bħala telf ta' qliegħ kif stabbilit mill-ewwel Qorti ma humiex kontestati) tordna lil Wasteserv Malta Limited tħallas ukoll in lineja ta' danni s-somma fuq imsemmija ta' €162,536 li huwa l-investiment kapitali *pro rata* magħmul mis-soċjeta` esponenti, sabiex b'hekk l-ammont totali ta' danni li għandha tħallas jammontaw għal **erba' mija sitta u ħamsin elf erba' u sebgħin Euro (€456,074).**"

7. Rat ir-risposta tas-soċjeta` konvenuta għall-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, tissottometti illi:

> "l-appell inċidentali interpost mis-soċjeta` appellata għandu jiġi miċħud, filwaqt li l-aggravji tal-esponenti msemmija fir-rikors tal-appell għandhom jiġu milqugħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellata."

8. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

10. Illi din il-kawża hija l-effett ta' ftehim iffirmat bejn il-partijiet fid-29 ta' Marzu, 2011, li bih is-soċjeta` konvenuta intrabtet li tgħaddi lis-soċjeta` attriċi bejn 270 u 300 *bus* li ma kinux qed jintużaw fit-triq għall-iskop ta' trasport pubbliku, u dana sabiex dawn jiġu stivati u trattati skont il-liġi. Is-soċjeta` attriċi ħarġet spejjeż kbar sabiex takkwista u tgħammar l-impjant neċessarju biex twettaq dan ix-xogħol. Is-soċjeta` konvenuta kkonsenjat biss 183 *buses*. Is-soċjeta` konvenuta tallega li minħabba deċiżjonijiet li ttieħdu minn terzi, ma kinitx f'pożizzjoni li twettaq l-ftehim kif milħuq. Ġara li x'uħud mill-*buses* inżammu mis-sidien tagħhom stess waqt li oħrajn ħadithom taħt il-kontroll tagħha l-għaqda Heritage Malta. Is-soċjeta`

konvenuta tgħid ukoll li għadha fiż-żmien li tgħaddi aktar vetturi skont l-istess kuntratt li għadu fis-seħħ.

11. L-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi u llikwidat danni fl-ammont ta' €293,538 rappreżentanti telf ta' profitt. Ma aċċettatx it-talba attriċi għar-rifużjoni tal-kapital li intefaq għall-impjant.

12. Is-soċjeta` konvenuta appellat mis-sentenza u qed targumenta illi l-ftehim ma hux marbut ma' żmien definit għat-twettiq tiegħu, u li f'kull każ hija għadha ma wettqitx l-obbligu tagħha minħabba aġir ta' terzi li ma kellhiex kontroll fuqu. Is-soċjeta` attriċi appellat inċidentalment peress li trid kumpens għall-*capital outlay* minnha inkorsi u li għadha ma rkupratx (ċioe`, €162,356).

13. Trattat l-appell, din il-Qorti tgħid mill-ewwel li ma taqbilx mal-appell tas-soċjeta` konvenuta. Hija daħlet għall-ftehim li tikkonsenja numru partikolari ta' vetturi lis-soċjeta` attriċi u jekk kellha problemi biex tiġbor dak in-numru mingħand terzi, ma għandhiex tbati s-soċjeta` attriċi. Is-soċjeta` konvenuta messha kkonsultat mas-sidien tal-*buses* u ma' Heritage Malta qabel ma kkomettiet ruħha dwar in-numru, u jekk kellha assikurazzjoni dwar in-numru, kellha tieħu passi biex tiġbor in-numru mwiegħed lilha u mhux titfa' l-piż tal-problema fuq is-soċjeta` attriċi. Ma hijiex skuża li tgħid li "*numru ta' sidien bidlu fehemthom*", għax dan jekk seħħ, mhux intopp maħluq minn terzi li ma kellhomx relazzjoni ma' min

kien obbligat – kif trid id-duttrina għall-applikazzjoni ta' forza maġġuri. Jekk is-soċjeta` konvenuta kellha xi dubju dwar in-numru ta' vetturi li kienet tkun tista' tiġbor, ma kellhiex tikkommetti ruħha fuq numru speċifiku. Jidher li hi assumiet, jew ingħatat x'tifhem, li l-*buses* kważi kollha li ma kinux se jibqgħu jintużaw fit-triq, kienu se jinġabru minnha, u ma' kkonsultatx ruħha ma' min, forsi, ikun interessat li jżomm xi wħud minnhom għal mużew u lanqas ma oġġezzjonat formalment għal dan it-teħid.

14. Li ġara ma jistax jiġi kwalifikat bħala forza maġġuri. F'dan il-każ il-problema li nqalgħet kienet prevedibbli, u b'riżultat ta' nuqqas ta' konsultazzjoni mal-*istakeholders* konċernati u minħabba n-nuqqas tas-soċjeta` konvenuta li tkopri għas-sitwazzjoni fil-kuntratt. L-impossibilita` li titwettaq obbligazzjoni trid mhux biss tkun assoluta u oġġettiva, iżda fuq kollox imprevedibbli, għax għal dak li wieħed hu raġjonevoli li jipprevedi li jista' jinqala, għandu jiġi kopert fil-ftehim. Id-duttrina mfissra fil-kawża "**Id-Dipartiment tal-Kuntratti v. Borg**", li ġiet kwotata mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, turi l-estremi ta' dan l-istitut.

15. Dwar l-argument tas-soċjeta` konvenuta li l-kuntratt għadu fis-seħħ u meta jkollha aktar vetturi, hija lesta li tgħaddihom lis-soċjeta` attriċi, din il-Qorti wkoll ma taqbilx miegħu. L-ewwel net, l-argument tas-soċjeta` konvenuta jwassal għall-konklużjoni li l-ftehim ikun mhux biss bla terminu, iżda anke t-twettiq tiegħu da parti tas-soċjeta` attriċi jkun miftuħ u bla

żmien, u dan żgur ma kienx il-ħsieb tal-partijiet. Hu ċar li s-soċjeta` attriċi kellha fi żmien qasir tirċievi bejn 270 u 300 *bus* li kellhom jiġu trattati sa data speċifika. Dak kien l-iskop wara l-ftehim, u s-soċjeta` konvenuta naqset milli twettaq il-parti tagħha tal-ftehim, u għalhekk hi passibbli għad-danni. Il-fatt li wara d-data ndikata għat-terminazzjoni tax-xogħol da parti tas-soċjeta` attriċi ġew konsenjati u proċessati vetturi oħra, ma jfissirx li l-ftehim għandu jibqa' miftuħ *ad aeternum*. Il-konsenji ilhom snin twal li twaqqfu u għalkemm ma jistax jiġi eskluż li 'l quddiem, forsi, titfaċċa *bus* oħra li teħtieġ tiġi trattata, ma jidhirx li l-ħsieb kien li l-ftehim jibqa' miftuħ għall-futur, meta f'klawsola minnhom hemm dispost li s-soċjeta` attriċi hija obbligata tirċievi *buses* bejn l-4 u t-18 ta' Lulju, 2011, iż-żewġ dati inklużi.

16. Inoltre, il-klawsola tal-ftehim invokata mis-soċjeta` appellanti, dik bin-numru 6, ma tantx tagħmel sens. Tirreferi għan-numru ta' vetturi "*mentioned in the preceding article*", u dan meta fl-artikolu preċedenti ma hemmx indikat in-numru ta' vetturi li kellhom jiġu konsenjati; dan in-numru tal-vetturi tniżżel fil-klawsola numru 1. Anke s-sentenza "*which eventuality occurs the last.*" hija ambigwa għax mhux ċar għal x'hiex qed tirreferi. Diffiċli li jiġi preżunt x'kien il-ħsieb wara din il-klawsola fid-dawl tal-klawsoli l-oħra tal-ftehim.

17. Dwar l-aggravju marbut mad-danni, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-mod tal-likwidazzjoni mwettaq mill-ewwel Qorti. Hu ġust li s-soċjeta` attriċi tiġi kkumpensata għat-telf ta' profitt li ġarrbet. Dan jingħad ukoll għaliex wieħed mill-effetti magħrufa mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' rabtiet kuntrattwali huwa sewwasew il-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra. In-numru ta' *buses* ġie stabbilit fil-ftehim, presumibilment wara kalkolu li għamlet is-soċjeta` konvenuta, u kien a bażi ta' dak in-numru li s-soċjeta` attriċi kkalkulat il-profitt u l-prezz li kienet lesta titlob għax-xogħol tagħha.

18. Anke l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi dwar in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tikkumpensa għan-nefqa kapitali li għamlet għandu jiġi miċħud. Il-kumpless li bniet is-soċjeta` attriċi għadu *in situ* u hemm sejjer jibqa' sakemm ma jiżżarmax minnha stess. Jekk dan il-makkinarju ma baqax utilita` għalih għax issa terzi ġabu makkinarju simili, ma hux "dannu" riżultat dirett tal-aġir tas-soċjeta` konvenuta u allura, ma hux rekoverabbli.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi kemm mill-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta u kemm minn dak inċidentali tas-soċjeta` attriċi billi tiċħadhom it-tnejn u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjeż in Prim'Istanza jibqgħu kif deċiż mill-ewwel Qorti, filwaqt li dawk marbuta ma' dan l-appell jitħallsu billi kull appellant – prinċipalment u inċidentalment – iħallas l-ispejjeż marbuta mal-appell tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm